MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 386/2010

Appell Numru: 386/2010

Il-Pulizija

Vs

Alfred Attard

Illum 27 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mijzud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fl-4 ta' Novembru, 2009 gewwa Kirkop Buildings – Triq San Gejtanu – Hamrun, jew hu jew impjegat tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi pprovduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgha ta' provvista, skond il-kumpens lilhu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi

ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab ma l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) ta'l-Att Nru. XXIII ta'l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru, 2010 fejn wara li rat 1 u 2 tat-tlettax il-skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' malta sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' seba' mitt Euro (€700).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Settembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-esponent hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu tilliberah minflok minn kull imputazzjoniu htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Skond is-sentenza uffijcali (mhux kif inqrat fl-awla), l-Ewwel Qorti sabet lill-esponent hati wara li hu kkonferma bil-gurament li ghas-servizzi rezi kienu nhargu tlett ricevuti u b'dan ikkonferma li l-persuna li dwar xehdu l-ispetturi realment ezistiet u ha servizzi, izda l-Qorti kienet sodisfatta li l-fatti graw kif irrakkontaw l-ispetturi tal-VAT.

2. Bir-rispett dovut, il-prosekuzjoni naqset li tipprova l-akkuza kontra l-esponent fil-grad u bil-mod kif trid il-ligi.

   L-esponent jghamel referenza ghas-segwenti principji:

   - *'Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt'. Min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista` tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta gara dak li gie rrakuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.*

     *Dan ifisser li l-prosekuzoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il-prosekuzjoni tigi kunsidrata li ma pprvuatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera'* (**Ir-Repubblka ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**: Appell Kriminali Superjuri. 24/04/2003)

   - *'Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista` biss jaqa` fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli.'* (**Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri:** Appell Kriminali Superjuri, 05/07/2002)

- Ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u *viva voce.* (**Artikolu 646(1) Kodici Kriminali**)

3. L-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-fatt li fil-mumenti kollha materjali ta' l-akkuza, l-esponent ma kienx prezenti. Huwa ma kienx prezenti waqt l-ghoti tas-servizz mertu ta' l-akkuza u ghalhekk ma setax jixhed direttament fir-rigward, izda biss dak li qaltlu c-ciniza li kienet fl-istabiliment. Ghalhekk kien importanti kemm ghall-prosekuzjoni u anke ghad-difiza, li l-persuna li allegatament qaet li ma inghatatx ricevuta, tigi identifikata u titressaq b'xhud. Din il-persuna kellha titressaq biex tixhed kemm dwar is-servizz li suppost inghatat, kemm dwar ir-ricevuta li suppost ma inghatatx.

   Il-prosekuzzjoni naqset li tipproduci din il-prova fundamentali. L-ispetturi tal-VAT mistoqsijin hekk identifikawx il-persuna, wiegbu fin-negattiv u minhabba f'hekk anke l-esponent gie michud id-dritt tieghu li jressaq lil din il-persuna fid-difiza tieghu. Il-prosekuzjoni lanqas ressqat b'xhud lic-ciniza li allegatament tat is-servizz u ma hargitx l-ircevuta.

4. B' hekk il-prosekuzjoni injorat ghal kollox il-principju baziku li x-xhieda ghandhom dejjem jinstemghu *viva voce*; u fl-istess hin skartat il-principju l-iehor daqstant fundamentali li min irid jipprova xi haga ghandu dejjem iressaq l-ahjar prova. L-ahjar prova ta' x' gara setghet tinghata biss minn min kien prezenti – ic-ciniza li allegatament tat is-servizz u l-persuna li allegatament ircevietu.

5. Bhala fatt jirrizulta li l-esponent ma kienx prezenti fil-hinijiet kollha materjali. Huwa wasal fuq il-post wara li l-persuna li allegatament inghatat is-servizz kienet ga telqet minn fuq il-post bla ma giet identifikata, u wara li l-ispetturi kienu diga` ipprovaw jitkellmu mal-persuna ciniza. Huwa evidenti li l-esponent ma kienx jaf, u ma segax ikun jaf, x'gara fil-hin li ma kienx fl-istabbiliment. L-esponent xehed li huwa jaghti struzzjonijiet cari li dejjem ghandha tinhareg ricevuta meta jinghata servizz. Huwa spjega li kieku ma jsirx hekk, la darba huwa ma jkunx fl-istabiliment personalment, min jaghti s-servizz bla ma jirregistrah bl-ircevuta fiskali, jkun qieghed jisraq lilu wkoll.

6. Ghar- ragunijiet hawn migjuba diga` l-esponent kellu jigi liberat mill-akkuza migjuba kontra tieghu. L-esponent pero` mar oltre dan u ghamel dak li naqsu li jaghmlu l-ispetturi tal-VAT, u cioe` li jipprova jifhem x'kien gara verament. Naturalment dwar dan qieghed biss jghid dak li rrizultalu u mhux dak li jaf direttament. Meta tkellem mac-ciniza li kient responsabbli fl-istabbiliment, din assiguratu li ricevuta kienet harget u indikathielu fil-ktieb tar-ricevuti. Sussegwentement jidher li spiccat harget zewg ricevuti ohra ghal-istess

servizz billi meta ordnawlha taghmel ir-ricevuta l-ispetturi tal-VAT l-ewwel ghamlet ricevuta ta' €20 u l-ispetturi gieghluha taghmel ohra ta' €30. Dawn it-tlett ricevuti jinsabu esebiti mal-atti. Kien dan li l-esponent spjega quddiem il-Qorti.

7. Min-naha taghha, l-Qorti tal-Magistrati ghazlet b'mod selettiv ix-xhieda ta' l-esponent dwar x'qaltlu c-ciniza biex tuzaha biss bhala prova li s-servizz inghata, pero ma accettathiex bl-istess mod bhala prova li l-ircevuta inghatat. Bir-rispett dovut, ladarba l-Qorti accettat bhala fatt dak li l-espoenent xehed li qaltlu l-impjegata ciniza, kellha taccetta b'mod shih u mhux tuza biss parti minnha u mbghad terga` tmur ghal dak li qalulu l-ispetturi tal-VAT li jrid jinghad, xejn ma kienu cari u lineari meta gew kontraezaminati dwar l-istess fatti.

Ikkunsidrat,

Permezz ta' verbal tad-dsatax (19) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) id-Difiza eccepiet in-nullità tas-sentenza iffirmata mill-Magistrat peress illi mhiex dik illi nqrat fl-awla li hija dik li tidher fl-ewwel pagna tal-komparixxi li fiha ukoll il-firma tal-Magistrat. Ghalhekk ecepiet n-nullità tas-sentenza f'pagna 15 illi giet a konjizzoni tad-Difiza qabel ma prezentat l-appell u ghalhekk giet infaccata b'zewg sentenzi illi jaffettwaw negattivament id-direzzjoni illi kellha tiehu d-Difiza f'dan l-appell.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tirrileva illi kellha diversi opportunitajiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt u taghmilha cara illi l-kopja ufficcjali tas-sentenza hija dik mahruga mid-Deputat Registratur taht il-firma tieghu u mhux dik iffirmata mill-Magistrat. In-noti illi ghamel il-Magistrat fuq il-komparixxi f'kawza sommarja jibqghu biss appunti tal-Magistrat u ma jaghmlu l-ebda stat fil-konfront la tal-akkuzat u lanqas ta' terzi u direzzjoni illi ghandha tiehu Difiza biex tintavola appell ghandu jkun ibbazat fuq il-kopja mahruga mid-Deputat Registratur taht il-firma tieghu u mhux fuq l-appunti tal-Magistrat. Fil-kawza Il-Pulizija kontra Albert Bezzina deciza fil-25 ta' Lulju 1994 intqal, "La l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma jirrikjedi li sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu li dak illi jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi irregistrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza." (ara ukoll Il-Pulizija versus Raymond Parnis, Appell kriminali 2 ta' Mejju 2012).

F'dan il-kaz hemm zewg istanzi tal-istess sentenza – dik illi kitbet il-Magistrat fuq il-komparixxi kif ukoll kopja aktar formali a fol 15 iffirmata mill-istess Magistrat. Din

il-Qorti terga’ tafferma illi biex sentenza jkollha stat fil-konfront ta’ terzi l-firma tal-Magistrat mhiex necessarja izda hija l-firma tad-Deputat Registratur illi taghmel dan l-istat. Jekk tiffirma l-Magistrat ma hemm xejn hazin b’dan basta li l-firma taghha tkun ukoll kontro firmata minn dik tad-Deputat Registratur.

F’dan il-kaz ukoll il-Qorti tara illi ma hemm l-ebda konflitt bejn dak l-appunti illi kitbet il-Magistrat fil-komparixxi u l-kopja aktar formali a fol 15 tal-process.

Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tichad din l-eccezzjoni ta’ nullità mqajma mid-Difiza.

Ikkunsidrat,

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, irrizulta illi l-appellant huwa proprjetarju ta’ Chinese massage bl-isem ta’ Yang Guang fi Triq San Geatano, il-Hamrun. Fl-erbgha (4) ta’ Novembru tal-elfejn u disgha (2009) dan il-fond gie spezzjonat minn Joseph Dimech bhala spettur tal-Kummissarju tal-VAT u hemmhekk hu u siehbu raw klijent hiereg minn dan il-fond u staqsewh jekk kienx ha xi servizzi u wara li kkonferma staqsewh ghall-ircevuta, li ma kellux. Dan il-klijent qatt ma gie identifikat u lanqas ma ngab biex jixhed. Però l-ispetturi dahlu fil-hanut u hemmhekk sabu mara Ciniza illi bilkemm setghet titkellem bl-Ingliz. Din cemplet lill-appellant illi gie fuq il-post fejn qal illi huwa sid il-fond u assuma responsabiltà tal-lok u l-klijent qaghad fil-bieb u ma hax parti fid-diskussjoni bejn l-ispetturi u l-appellant però gie konfermat illi ghas-servizz illi ha hallas ammont ta’ tletin ewro (€ 30).

L-appellant Alfred Attard xehed f’dawn il-proceduri u qal li hanut huwa tieghu u ghandu zewg impjegati Cinizi. Jikkomunika maghhom b’ “broken English”. Wara illi cemplitlu wahda minnhom mar fuq il-post u hemmhekk iltaqa’ maz-zewg spetturi tal-VAT li qalulu illi kien ghadhom kif kellmu lill-klijent u sabu li ma nghatax ricevuta. L-appellant qal illi mhiex a policy tal-hanut illi ma tinghatax ircevuta anzi jghid lill-impjegati tieghu illi ircevuta ghandha tohrog dejjem. Wahda mill-impjegati tieghu qaltlu illi l-ircevuta kienet hargitha però l-klijent ma hadhiex. Qalilha biex tohrog ohra u harget wahda ta’ ghoxrin ewro (€ 20). L-ispettur gibdilha l-attenzjoni li s-servizz kien ta’ tletin ewro (€ 30) u ghalhekk harget ircevuta ohra ta’ tletin ewro (€30). Il-ktieb tal-ircevuti kien fih il-mamma u l-ircevuta. Mistoqsi il ghaliex ma tax dik l-ircevuta originali la kienet lesta u maqtugha mill-ktieb l-appellant qal illi huwa ippanikja ghax haseb illi c-Cinizi impjegati tieghu kienu

qieghdin jisirquh. Ghad-difiza tieghu, l-appellant argumenta illi l-Qorti m'ghandhiex l-ahjar prova ghax il-persuna li hadet is-servizz ma ngabitx biex tixhed u ghalhekk id-Difiza giet infaccata b'diffikultà illi ma tistax tikkontrolla. Terga', l-ispetturi insistew illi ssir ircevuta biex dina tingieb bhala prova kontra l-appellant. L-aktar nies illi huma involuti direttament ma xhedux. L-appellant avolja kien proprjetarju tal-fond ma kienx hemmhekk u ma kienx jaf x'kien qed jigri, allura ma kellux ikun responsabbli.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument tad-Difiza. Veru illi l-Prosekuzzjoni hija marbuta illi ggib il-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra l-imputat. Però 638(1) tal-Kap. 9 jitkellem illi, "bhala regola, ghandu jitqies illi tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti ...". Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni thalli barra xi prova ma jfissirx illi b'daqshekk il-kaz taghha ghandu jkun kompromess. Naturalment kien ikun ahjar kieku l-klijent ingieb biex jixhed, però l-Qorti tifhem ukoll illi l-ispetturi tal-VAT ma jkunux iridu jiddisturbaw persuna biex din tahli zmien taghha tigi l-Qorti biex tixhed fuq xi haga illi jistghu facilment jixhdu huma. Mhuwiex mess in dubbju illi f'dan il-kaz l-impjegati Cinizi ma tawx ircevuta lill-klijent il ghaliex l-appellant stess ammetta quddiem din il-Qorti illi l-ircevuta originali kienet ghadha fil-ktieb u dan kien nuqqas attribwit direttament ghall-impjegati tieghu illi taghhom l-appellant assuma kull responsabiltà.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------